

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 509/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li jiffissa l-kwantità komplementarja finali għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina fl-Istati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) u fl-Indja għall-provvista lir-raffineriji għas-sena tal-kummerċ 2007/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 29(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistipula li, matul is-snin tal-kummerċ 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, u sabiex tkun żgurata provvista adegwata lir-raffineriji Komunitarji, id-dazji fuq l-importazzjoni fuq kwantità komplementarja ta' l-importazzjonijiet taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina fl-Istati msemmija fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu sospiżi.
- (2) Dik il-kwantità komplementarja għandha tiġi kkalkolata skond l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jstipula regoli dettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tal-kummerċ 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tariffarji u ftehimiet preferenzjali ⁽²⁾, fuq bażi ta' previżjoni Komunitarja eżawrjenti ta' bilanċ ta' provvista għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat.
- (3) Għas-sena tal-kummerċ 2006/2007, il-bilanċ jindika l-hteġa li tiġi impurtata kwantità komplementarja taz-zokkor tal-kannamieli għar-raffinar ta' 286 597 tunnellata f'ekwivalenza ta' zokkor abjad sabiex tkun tista' tint-laħaq il-hteġa tal-provvista għar-raffineriji Komunitarji. Din il-kwantità komplementarja tinkludi stima ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni fl-aħħar xhur tas-sena tal-kummerċ 2006/2008, li jikkonċernaw l-importazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi għas-snin tal-kummerċ

2006/07, 2007/08 u 2008/09, regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaz-zokkor tal-kannamieli għar-raffinar, li joriġina fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti, kif ukoll regoli dettaljati li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti ta' l-intestatura tariffarja 1701 li joriġinaw fil-pajjiżi l-inqas żviluppatti ⁽³⁾.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1545/2007 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 li jiffissa l-kwantità komplementarja taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina mill-Istati AKP u l-Indja għall-provvista lir-raffineriji matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru 2008 ⁽⁴⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 97/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 li jiffissa kwantità komplementarja għaz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat li joriġina mill-Istati AKP u l-Indja għall-provvista lir-raffineriji għas-sena tal-kummerċ 2007/2008 ⁽⁵⁾, diġà f'issaw kwantitajiet komplementarji ta' 80 000 tunnellata u 120 000 tunnellata rispettivament. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-kwantità finali ta' zokkor komplementarja ta' 86 597 tunnellata għas-sena tal-kummerċ 2007/2008.
- (5) Provvista adegwata lir-raffineriji tista' tkun iggarantita biss jekk il-ftehimiet tradizzjonali ta' l-esportazzjoni bejn il-pajjiżi benefiċjarji jiġu rrispettati. Għalhekk huwa meħtieġ tqassim bejn il-pajjiżi benefiċjarji jew il-grupp ta' pajjiżi. Għall-Indja, infetħet kwantità ta' 6 000 tunnellata biex b'hekk il-kwantità totali għas-sena tal-kummerċ 2007/2008 għall-Indja issa hija ta' 20 000 tunnellata, li hija meqjusa kwantità għall-konsenja ekonomikament vijabbli. Il-kwantitajiet li jifdal għandhom jiġu stabbiliti għall-Istati AKP, li flimkien impenjaw ruħhom li jimplimentaw huma stess proċeduri għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet sabiex tkun żgurata provvista adegwata lir-raffineriji.
- (6) Qabel l-importazzjoni ta' dan iz-zokkor komplementari, jeħtieġ li r-raffinaturi jagħmlu arranġamenti għall-provvista u l-konsenja mal-pajjiżi benefiċjarji u l-operaturi kummerċjali. Sabiex jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw l-applikazzjoni għal-liċenzji ta' importazzjoni, huwa xieraq li d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikun previst għad-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taz-Zokkor,

⁽¹⁾ ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 371/2007 (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 6).

⁽³⁾ ĠU L 196, 18.7.2006, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 337, 21.12.2007, p. 67.

⁽⁵⁾ ĠU L 29, 2.2.2008, p. 3.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Minbarra l-kwantitajiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1545/2007 u (KE) Nru 97/2008, kwantità finali ta' 86 597 tunnellata ta' zokkor tal-kannamieli mhux raffinat u komplementari f'ekwivalenza ta' zokkor abjad hija stabbilita għas-sena tal-kummerċ 2007/2008:

- (a) 80 597 tunnellata espressi f'ekwivalenza ta' zokkor abjad li joriġina fl-Istati elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 minbarra l-Indja;
- (b) 6 000 tunnellata espressi f'ekwivalenza ta' zokkor abjad li joriġina fl-Indja.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni
